MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 8/2007/1

V. S.

vs

A. S.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom fil-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u markata bħala Dok 'A' u miż-żwieġ tagħhom ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment in forza ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Joanne Cauchi tat-tletin

(30) ta' Marzu 2006 kopja hawn annessa u markata bħala Dok 'B';

3. Illi l-kunsens ta' l-attriċi kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut liema kwalita' mix-xorti tagħha fixxklet serjament il-ħajja miżżewġa tal-partijiet, illi inoltre l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ kif ukoll il-kunsens ta' l-intimat inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa – dan kollu a tenur ta' l-artikolu 19(c), (d) u (f) tal-kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi għalhekk iż-żwieġ kien null u inattendibbli u mingħajr effett.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie kkuntrattat fil-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) bħala null kif suespost u dan prevja kull direttiva li l-Qorti jidhrilha xierqa w opportuna.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat u bl-inġunzjoni ta' l-istess intimata in subizzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut li ġie notifikat b'dan ir-Rikors fil-15 ta' Gunju 2008, imma għażel li jibqa' kontumaċi.

Rat l-atti l-oħra kollha, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attriċi.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għax allegatament:

(i) Il-kunsens tagħha kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut, liema kwalita' mix-xorti tagħha fixkel serjament il-ħajja miżżewġa tal-partijiet;

(ii) il-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u/jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għalieh li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; u

(iii) il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

Huwa ferm dubbjuż kemm it-tieni u t-tielet raġuni, ndikati mill-attriċi għaliex dan iż-żwieġ jista' jiġi dikjarat null, jistgħu jeżistu flimkien. Dan għaliex ma jistax ikun li xi ħadd jidħol għaż-żwieġ mingħajr ma jkun jaf x'ifisser żwieġ jew x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet f'dak iż-żwieġ, u fl-istess ħin joħloq simulazzjoni biex jeskludi xi wieħed jew aktar mid-dmirijiet tal-ħajja miżżewġa.

Madankollu l-prova ta’ kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija mill-attriċi, hija suffiċjenti biex, indipendentement mir-raġunijiet l-oħra, tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255). Il-fatt li l-konvenut baqa' kontumaċi jfisser li qed jopponi t-talba għad-dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ in kwistjoni. Madankollu huwa bl-ebda mod ma pparteċipa f'dawn il-proċeduri u l-Qorti kull ma għandha quddiemha hija biss il-verżjoni ta' l-attriċi. Imma din il-Qorti, konformament mal-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati in tema ta'

annullament ta' żwieġ[1], ser tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak allegat ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi f'materja ċivili. Ma jistax ma jiġix enfasiżżat illi: "i*s-soċjeta' għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullita' ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti*."[2] Hekk ukoll ġie diversi drabi ribadit illi : "*Iż-żwieġ għas-soċjeta' mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u sostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta*.[3]

L-ewwel raġuni li fuqha l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha, hija dik kontemplata fis-subinċiż (c) tal-paragrafu (1) ta' l-artikolu 19 tal-liġi msemmjia.

**1. Il-qerq perpetrat mill-konvenut**:

Din il-kawżali tirrigwarda l-qerq bħala kawża ta' nullita'. Wieħed irid jiddistingwi bejn żball dwar il-kwalita' tal-persuna l-oħra w allura wieħed jitkellem dwar ***żball*** dwar il-kwalita' tal-persuna l-oħra u ***kunsens*** li huwa riżultat ta' qerq dwar il-kwalita' tal-persuna l-oħra. F'ta' l-ewwel, l-iżball għandu bħala awtur tiegħu l-persuna stess li tippresta l-kunsens, fit-tieni huwa riżultat tal-qerq adoperat minn terza persuna. Huwa dan it-tieni tip ta' żball, u ċioe' l-***iżball li huwa riżultat ta' qerq*** li jannulla ż-żwieġ.

Mhux kull qerq huwa kawża ta' nullita', iżda l-qerq li għandu l-elementi fil-kanoni 1098 tad-Dritt Kanoniku.

---

[1] Ara fost oħrajn, Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna : Qorti ta' l-Appell 6.11.1991; Angela Spiteri xebba Selvaggi v.Joseph Spiteri : Prim'Awla 4.11.1994; Carmel sive Charles Camilleri v.Teresa Camilleri: Prim'Awla : 3.10.1995 .
[2] M mart AD vs AD :13.3.1984 kollez. vol. LXVIII pt. 3 p. 49 .
[3] Appell.Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia : 28.7.1987 kollez. Vol.. LXXI. pt. 2 p. 212

(i) Fl-ewwel lok, il-qerq għandu jkun tali sabiex iġib il-kunsens matrimonjali. "*Infatti il leġislatore vi stabilisce, come primo requisito, l-esistenza di un inganno messo in opera al fuso di carpire il consenso matrimoniale dell'altro nublente e quindi e' un dolo "**causam dans**' nel senso che e' un dolo **'intuitu matrimonii**' - in contraposizione al **'dolus incidens'*** [4]

(ii) Fit-tieni lok, is-suġġett tal-qerq irid ikun qiegħed fl-iżball dwar il-kwalita' tal-persuna l-oħra li qegħda tikkuntratta ż-żwieġ. Għaliex jekk wieħed, minkejja l-qerq u l-manipulazzjoni da parti tal-parti l-oħra ma jaqax fl-iżball, iżda jaf ir-realta' awtentika kif inhi, wieħed ma jistax allura jgħid li huwa jew hija vittma tal-qerq adoperat fil-konfront tiegħu jew tagħha. "*In campo operativo del dolo si restringe ulteriormente con il secondo requisito voluto dal legislatore e cioe', che il contraente dev'essere esatto in inganno **'circa aliquam alterius partis qualitatem**' e quindi attribute o connotate presenti nel contraente al momento del matrimonio e non aspettative, previsioni ovvero speranze poi disilluse dei fatti*." [5]

(iii) L-iżball dwar il-kwalita' tal-persuna jrid ikun ir-riżultat dirett tal-qerq adoperat minn dik il-persuna jew minn terza persuna. Jekk il-qerq mhuwiex intenzjonat iżda riżultat ta' żball jew negliġenza da parti tal-parti kontraenti jew ta' terza persuna allura ma jirriżultax il-qerq volut mill-liġi u mill-kanoni 1098, iżda sempliċi żball li jista jagħti lok għal nullita' taħt kap differenti.

L-oġġett tal-qerq huwa l-kwalita' tal-parti l-oħra kontraenti, li min-natura tagħha tkun disturb serju għal-ħajja konjugali. "*With this formula, the legislator inends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related in essence, properties and ends of marriage*

[4] Coram Salvino Scicluna, Trubuanl Regionale Lattii Romana Nullitatis Matrimonii (WS - CRS) 20 Luglio 1991 .
[5] ibid.

*Therefore those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevent, and in this sense they are merely arbitrary or trivial.*" [6]

**Serrano** jagħti tlett raġunijiet għaliex il-qerq imur kontra ż-żwieġ:

*i. because it is destructive of that truth and sincerity which by natural law and divine ordinance, pertain to marriage;*
*ii. because it illegitimately deprives one of the spouses of the freedom of choosing this person by giving out false data from which is formed an inappropriate intention;*

iii. *because by means of the deceit, the deceiving party in the very exchange of persons in which marital consent consists, offers instead of himself a false image (intentional person) altogether different from the one which others intend to accept*.[7]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-partijiet kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin xi sitt snin qabel ma żżewġu. L-attriċi kellha sittax-il sena u l-konvenut tlieta u għoxrin. Hija kienet għadha s-*sixth form* u hu kien jaħdem ma' bennej. Iż-żwieġ ġie ċelebrat fil-5 ta' Settembru 2003, fil-knisja parrokkjali tax-Xagħra.[8] Minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm ulied. Mill-bidu li sar jafha, l-konvenut għarraf lil-attriċi illi kien għadu kemm temm b'suċċess programm ta' riabilitazzjoni biex joħroġ mill-problema tad-droga, li kienet ħakmitu xi żmien qabel. Ma kien hemm ebda problemi tul il-perijodu tal-għerusija, l-attriċi kompliet bl-istudji tagħha fl-Universita' u l-konvenut beda jaħdem għal rasu bħala kuntrattur mal-kunsilli lokali. Fi kliem l-attriċi "*Anthony qatt ma wera sinjali ta' imġieba ħażina relatata ma' droga u din il-ħaġa għamlitli kuraġġ li nemmen li l-problema ta' droga f'Anthony kienet biss ħaġa tal-passat u li l-programm li*

[6] Code of Canon Law Annotated, E. Capanos, M. Theriault, J. Jkom; Montreal 1993 p. 691 .
[7] coram Serrano 28 .582 .
[8] ara ċertifikat taż-żwieg esebit bħala Dok. A a fol. 4 tal-proċess .

*kien għamel kien suċċess*." [9] It-tħejjijiet għat-tieġ għamluhom flimkien u attendew regolarment għall-kors ta' Kana bħala preparazzjoni nisranija għall-ħajja miżżewġa. Meta kienu ser isiru t-tnidijiet għaż-żwieġ, il-kappillan kien talab mingħand il-konvenut iċ-ċertifikat li kien temm b'suċċess il-kors ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga. Iċ-ċerimonja reliġjusa fil-knisja intemmet b'suċċess, imma waqt ir-riċeviment inqala' inċident li kellu jagħti lok sabiex l-attriċi tibda tissuspetta illi żewġha kien qed jaħbilha xi ħaġa importanti. Hekk kif wasal il-ħin biex jinqasam il-*cake*, il-konvenut ma setgħax jinstab, u wara diversi telefonati, wieġeb li kien mar sa l-appartament tiegħu għax kellu bżonn imur sat-*toilet* u ma kienx iħossu komdu juża l-faċilitajiet pubbliċi. Huwa rritorna wara xi ħamsa w erbgħin minuta u kollox kompla b'mod normali. Matul il-*honeymoon* ma kien hemm ebda relazzjonijiet intimi bejn il-koppja, u l-attriċi setgħet tinduna li żewġha kien qed ikollu ċertu uġieħ relatat mat-teħid tad-droga. Spiċċa biex ammetta magħha li kien qed jieħu l-ħaxixa, imma hija rrejalizżat li kienet xi ħaġa iżjed gravi minn hekk. Xi erba' ġimgħat wara t-tieġ, inqala' inċident ieħor li kkonfermalha li żewġha kien reġa' waqa' fil-vizzju tad-droga. Ġie jfixxtu wieħed id-dar biex jiġbor Lm300 li qal li żewġha kellu jagħtih. Hiia ndunat mill-ewwel li dan kien in konnessjoni ma' droga li żewġha kien xtara mingħandu. F'okkażżjoni ożra l-konvenut talabha Lm20 biex imur Malta. Hija mal-ewwel issuspettat li żewġha kien sejjer Malta biex jixtri d-droga. Għalhekk ċemplet lil Pulizija li ħakmu lil żewġha fil-fatt u dan ammetta magħhom illi kien reġa' beda jieħu d-droga minn xi erba' xhur qabel ma żżewweġ. Il-konvenut reġa' beda kors ta' riabilitazzjoni, imma din id-darba mingħajr suċċess, għax mal-ewwel reġa' waqa' fil-vizzju tiegħu. Finalment billi ma felhitx tkompli b'din il-kwalita' ta' ħajja, l-attriċi fittxet li tissepara minn mal-konvenut u eventwalment sar kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-30 ta' Marzu 2006.

Huwa evidenti hawnhekk illi l-konvenut kien ħeba mingħand l-attriċi l-fatt illi kien reġa' waqa' fil-vizzju tad-droga ftit xhur qabel ma żżewġu. Jidher illi familjari tal-

---

[9] ara affidavit ta' l-attriċi tat-8 ta' Ottubru 2007 .

konvenut, inklużi ommu u oħtu, kienu saru jafu b'dan, u li l-konvenut kien qiegħed anke jieħu xi kura mingħand it-tobba, imma ħadd ma kixef xejn sakemm kien tard wisq, u l-affarijiet sfortunatament bdew joħorġu waħedhom hekk kif il-kontendenti ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom. Kif wieħed seta' jobsor dawn b'konsegwenza ta' hekk qatt ma setgħu ikollhom ħajja miżżewġa normali, bil-konvenut inkapaċi li jassumi l-oneri taż-żwieġ u l-attriċi mċaħħda mid-drittijiet konjugali, inkluż li tibda trabbi l-familja tagħha. Kif ġie ribadit mil-Qrati tagħna: "*L_estremi hawn rikjesti fil-liġi jikkunfiguraw persuna li tkun sabet ruħha f'sitwazzjoni li ma setgħetx tibni l-**consortium vitae** rikjest u dan prinċipalment għaliex il-persuna li hu jew hi tkun iżżewġet tkun b'mod sinjifikattiv differenti mill-persuna li hija kienet qegħda timmaġina li sejra tiżżewweġ*." [10] Infatti fil-każ in eżami, l-attriċi ngannat ruħha li l-konvenut kien assolutament għeleb il-vizzju tad-droga, u kien biss wara li ġie ċelebrat iż-żwieġ li beda jkollha indikazzjonijiet li dan ma kienx proprju minnu, għaliex il-konvenut kien reġa' beda jieħu d-droga sa minn xhur qabel ma ngħata l-kunsens matrimonjali.

Għaldaqstant, billi ġia ampjament ippruvat illi tassew kien hemm frodi da parti tal-konvenut, li ħeba mill-parti l-oħra l-fatt li kien reġa' waqa' fil-vizzju tad-droga, anke qabel ma żżewweġ, m'hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha teżamina r-raġunijiet l-oħra msemmija mill-attriċi fil-kawża tagħha għaliex l-istess żwieġ kien null.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fil-5 ta' Settembru 2003 kien null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu, minħabba li l-kunsens ta' l-attriċi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorti tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa tal-partijiet, a tenur ta' l-artikolu 19(1) (c) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[10] MC vs Dr. Mark Chetcuti noe. Et : Prim' Awla : 8.2.1995 .

L-ispejjeż tal-kawża, billi rriżulta illi jaħti unikament il-konvenut għal dak li ġara, għandhom jiġu ssoportati minnu.

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċjali ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta' żwieġ relattiv skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------